

# L-Istatwa Antika tal-Kunċizzjoni:

## *Ħsibijiet dwar l-Abort u r-Rispett lejn il-Ħajja Umana*

minn Dr. Simon Mercieca

Fir-review sabiħa li l-Arċisqof u kap tal-knisja Anglikana, Dr. Rowan Williams għamel tal-ktieb Mother of God: A History of the Virgin Mary', miktub minn Miri Rubin jgħid li l-Verġni Mbierka hija l-aktar mara xxurtjata fid-dinja. Dan għaliex hija tirrappreżenta dak kollu li mara tista' tkun f'ħajjitha, jiġifieri xebba u omm fl-istess ħin. Din hija l-unika mara li qatt irnexxielha jkollha dan l-istat. Hija mara ideali fil-mod ta' kif hija rabbiet familja. Hija mara fqira iżda fl-istess hija ta' poter bla qies.

Hu fatt storiku importanti u ta' stagħġib, kif mara sempliċi bħal Marija, persunaġġ bla ebda sinifikat fil-ħajja soċjali u politika ta' żmienha, li kienet tgħix ġo villaġġ bla ebda sinifikat f'dak li bl-Ingliż jissejjaħ il-'backwater' tal-Imperu Ruman, kellha tassumi daqshekk importanza kbira storika. Anki isimha kien wieħed komuni ħafna. Marija kien wieħed mill-aktar ismijiet komuni mogħtija ġewwa l-Palestina f'dik il-ħabta. Grazzi għall-virtujiet ta' Marija, dan l-isem ser jibqa' popolari fis-sekli kollha ta' wara, mhux biss mal-Lhud, iżda mal-popli kollha tad-dinja.

Mill-att reliġjuż, din il-mara sempliċi, li tappartjeni għas-sess femminili ser issir waħda mit-tliet jew erba' ikoni reliġjużi li ddominaw u għadhom jiddominaw lid-dinja f'kull żmien. Fuq kollox, il-figura tagħha tmur 'l hinn mid-dinja Kattolika u Kristjana u ssir tant kbira li saħansitra saħħret u affaxxinat lid-dinja Musulmana tant li hemm aktar tagħrif dwarHa fil-Koran milli hemm fil-Bibbja. Infatti, fid-dinja Musulmana kollha jekk persuna tidgħi bil-Madonna tkun qed tagħmel att blasfemu kbira.

Probabbilment, l-aktar imaġini tal-Madonna li twassal jew aħjar turi b'mod viżwali dawn il-virtujiet kollha, jiġifieri, ta' xebba u omm, mara tal-familja u fl-istess ħin sempliċi iżda kbira fil-poter tagħha hija dik ta' kif inhi rrappreżentata fl-ikonografija tal-Kunċizzjoni.

Infatti, l-ikonografiji antiki tal-Kunċizzjoni kienu dejjem ifittxu li jirrapreżentaw lill-Madonna fi stat ta' xebba żagħżugħa iżda fl-istess ħin ta' mara tqila. It-tqala kienet tkun rappreżentata b'mod viżwali qawwi tant li kienet tkun rappreżentata fi stat avvanzat ta' tqala. Dan kien isir apposta biex turi li l-Madonna tkun tidher li hija kienet tqila.

Wieħed irid jgħid, li f'dan il-perjodu, il-ħsieb li l-Madonna twieldet mingħajr dnub tan-nisel kien għadu biss ħsieb ta' devozzjoni, mogħti importanza kbira minn numru ta' teoloġiji iżda ma kienx għadu sar domma ta' fidi. Mingħajr ma wieħed jidħol fid-dettal teoloġiku ta' dan il-ħsieb, wieħed irid jgħid li dan il-kunċett kompla jsaħħaħ l-idea li l-Madonna hija dik il-mara li kif qal tajjeb Williams, kellha dak kollu li bniedem jixtieq li jkollu f'ħajtu, jiġifieri anki s-safa mid-dnub.

Biss din il-pożizzjoni tal-Madonna bħala mara murija fi stat avvanzat ta' tqala kellha warajha messaġġ importanti ieħor. Kien matul iż-żminijiet moderni, jiġifieri mis-seklu sittax 'il quddiem, li beda dieħel fid-dinja il-kunċett tal-abort kif nifhmu bih illum. Infatti, il-kelma Latina "abortus", ma kinitx tfisser abort bħalma nifhmu issa, anki jekk din il-kelma ġejja minnha, iżda kienet tfisser biss dak li llum ngħidulu korriment. Kelma għall-korriment volontarju ma kellhomx. Dan għaliex dan ma kienx "jeżisti" jew ma kienx diffuż. Ma jfissirx li dan ma setax jew ma kienx isir. Iżda żgur li ma kienx popolari. L-għodda użata fil-Medju-Evu biex jeħilsu mit-tfal mhux mixtieqa ma kienx l-abort iżda fl-infantiċidju, jiġifieri il-qtil tat-trabi immedjatament wara t-twelid. Din kienet tradizzjoni antika li tinsab ipprattikata f'ċiviltajiet differenti anki qabel l-epoka Kristjana.

Kien matul is-seklu sittax li l-Knisja bdiet tieħu passi verament ċari dwar l-abort kif nafuh illum bħala qtil volontarju. Kien żmien meta dan l-att beda jsir aktar magħruf u l-Knisja ssir aktar konxja tiegħu. Bħalma jiġri dejjem, il-Knisja iġġieldet din il-moda b'żewġ modi. Bit-tagħlim teoloġiku u bl-arti. Fit-tagħlim teoloġiku nsibu li l-Papa Sistus V ħadem u kiteb kontra l-abort. Ftit jafu iżda li wieħed mit-teologi prinċipali ta' dan il-Papa, fuq materji ta' fidi f'din il-ħabta, kien il-Malti, l-Isqof Leonardu Abela.

Il-battalja teoloġika kompliet fis-seklu sbatax u tmintax. Għal darb'oħra, insibu persunaġġ b'rabta ma' Malta jaħdem kontra l-abort volontarju. Dan kien l-Isqof ta' din il-gżira Alpheran De Bussan. Dan sar protagonista prinċipali kontra l-abort (jiġifieri bħala waqfien tat-tqala b'mod volontarju) u kien jikkollabora ma' teologi importanti ta' dak iż-żmien u fuq dan is-suġġett.

Kien bniedem li għaraf li l-problema tal-abort volontarju ma tiġġilidx bil-kastigi iżda bit-tagħlim u diġà kien qed jitkellem u jikteb fuq dak li llum insejħlu

l-inklużżjoni soċjali ta' tfajliet bi problema soċjali.

Fuq il-livell artistiku, il-figura tal-Kunċizzjoni issir waħda mix-xbihat biex twassal dan il-messaġġ, li t-tqala, tkun xi tkun iċ-ċirkustanza, hija avveniment sabiħ. Il-Madonna bdiet tiġi rrappreżentata fi tqala avvanzata ħafna, b'żaqqha litteralment imqabbża 'l barra biex ħadd ma jkollu dubju x'inhi tirrappreżenta. Per eżempju, il-kwadru antik tal-Madonna tal-Kunċizzjoni (illum merfugħ) ta' Ħal Tarxien joħroġ dan il-fatt tajjeb ħafna.

L-istess suġġett insibuh fil-kwadru l-antik tal-Knisja ta' Bormla (illum qiegħed fis-sagristija) Dawn huma biss żewġ eżempji għaliex bħalhom jistgħu jissemmew ħafna aktar.

Biss din r-raffigurazzjoni ma kinitx biss ristretta għall-pittura. L-istatwi wkoll tal-Kunċizzjoni bdew jidħlu f'dan l-istil ta' immaġini. Hawn ukoll Malta kienet minn ta' quddiem li addottat dan l-istil.

Il-Qrendi hu raħal ixxurtjat li għandu waħda mill-eqdem statwi tal-Kunċizzjoni kif ukoll waħda mill-eqdem statwi purċissjoni li kienu jintużaw fil-ġżejjer tagħna. L-eqdem purċissjoni li nafu biha kienet dik bl-istatwa ta' Santu Rokku ġewwa l-Birgu. Din ħarġet matul il-pesta tal-1592. Din l-istatwa intilfet fit-tieni gwerra dinjija.

Biss ikun fil-Kottonera u fil-Belt Valletta li jiżviluppaw l-użu ta' statwi bl-immaġini tal-Madonna. Hu nteressanti l-fatt, li fil-Kottonera, matul is-seklu sbatax, tibda toħroġ purċissjoni bl-istatwa tal-Kunċizzjoni minn parroċċa tal-lokal. Issa l-ebda waħda minn dawn il-parroċċi ma kellha t-titular tagħha ddedikat lill-Kunċizzjoni. L-Isla kienet iddedikata f'din il-ħabta lill-Madonna tal-Vittorja (iżda mhux it-twelid tagħha) u kienet toħroġ b'purċissjoni bl-Istatwa tal-Kunċizzjoni. Il-Birgu wkoll, fejn il-Knisja kienet iddedikata lil San Lawrenz kienu jagħmlu l-festa tal-Kunċizzjoni u joħorġu bl-istatwa tagħha.

F'Bormla, imbagħad kien hemm saħansitra żewġ statwi tal-Kunċizzjoni. Waħda kienet dik li tissejjaħ "image a vestir", jiġifieri statwa li kienet tikkonsisti f'ras, forsi idejn u l-parti t'isfel. Din kienet manekin imlibbes. Din l-istatwa tidher li kienet tinħareġ nhar it-8 ta' Diċembru meta l-parroċċa kienet tiċċelebra it-titular tagħha, dak tal-Madonna tas-Sokkors.

Imbagħad, kien hemm statwa oħra tal-Kunċizzjoni li kienet kollha tal-injam. Din kienet proprjetà tal-Fratellanza tar-Rużarju u kienet tinħareġ fil-purċissjoni tar-Rużarju li kienet tkun iċċelebrata nhar l-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Din l-istatwa kienet tinżamm ġewwa niċċa fil-knisja.

Din l-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-Fratellanza tar-Rużarju kienet skolpita skont il-linji artistiċi kważi vernakulari prattikati f'Malta fis-seklu sbatax. Biss l-artisti jew l-artista tagħha jidher li pprova jew ippruvat toħorġ fiha dawn l-attributi teoloġiċi diskussi hawn



Xbieha tal-Madonna waqt it-tqala.

fuq dwar il-Kunċizzjoni, jiġifieri li primarjament hija kienet qed tkun rappreżentata bħala mara żagħżugħa u tqila. F'din l-istatwa, dan l-attribut hu irrapreżentat b'mod qawwi ħafna. Mhux biss il-Madonna qiegħda tkun rapreżentata b'żaqqha kbira, iżda saħansitra l-artist jew artista skolpiha b'żokkritha mbbuzzata jew imqabbża 'l barra, fattur anatomiku assoċċjat normalment mat-tqala fin-nisa.

Jiġri li matul is-seklu tmintax, Bormla tibni knisja ġdida waqt li l-fratellanzi tal-lokal jibdew jaraw li jkollhom statwi tagħhom bl-immaġni assoċċjata mal-

festa li jkunu qed jiċċelebraw. Għalhekk il-Fratellanza tar-Rużarju ta' Bormla tibda taħseb biex tagħmel statwa ġdida. Inċidentalment, l-immaġni preferita tkun dik tal-Madonna bil-bambin f'idejha. Biex tibda tkun assoċċja mar-Rużarju, bdew jagħmlu f'idejha u f'idejn il-bambin il-kuruna tar-rużarju mqaddes.

Inċidentalment, din l-ikonografija kienet it-tieni ikonografija, ma' dik tal-Kunċizzjoni assoċċjata ma' purċissjoni ta' festi relatati mal-Madonna. Hekk pereżempju, il-parroċċa ta' Ħal Tarxien kellha statwa waħda tal-Madonna, dik li tiffigura l-Marija bit-tarbija Ġesù f'idejha.

Din l-istatwa kienet tinħareġ fil-festi kollha tal-Madonna ċċelebrati f'din il-knisja, inkluż dik tal-Lunzjata li għaliha hija ddedikata l-Knisja.

Għalhekk, il-fratellanza tar-Rużarju ta' Bormla tagħmel statwa ġdida tal-injam li ikonografikament tkun tikkonsisti fil-Madonna bil-Bambin f'idejha. Din l-istatwa tibqa' tintuża ġewwa Bormla sal-1828, dan għaliex fis-sena 1826 kienet tkun ordnata statwa ġdida tar-Rużarju, jiġifieri dik li hemm illum, li saret minn Pietro Paolo Azzopardi.

Ikun eżattament wara li l-Fratellanza tar-Rużarju ta' Bormla tagħmel statwa ġdida, jiġifieri dik li saret f'nofs is-seklu tmintax, li din l-istatwa tgħaddi għand il-parroċċa tal-Qrendi. Il-fatt li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Antonio Mizzi kien minn Bormla żgur li għen f'din it-tranżizzjoni. Nafu li din l-istatwa ma kinitx eżattament kif inhi llum imma kellha pedestal u anġli magħha, li kienu tneħħew.

Meta waslet il-Qrendi, din bdiet tintuża bħala statwa waqt purċissjonijiet Marjani, inkluż għalhekk dik tal-festa titulari tal-Assunta. Fi kliem ieħor, il-Qrendi jintroduċi statwa għall-purċissjoni tal-festa. Normalment, il-purċissjonijiet kienu jsiru bir-relikwa. Dawk il-parroċċi sinjuri, li setgħu jaffordjaw bdew idaħħlu l-istatwi fil-purċissjonijiet tagħhom.

Biss dan il-fatt jurina li kontra l-ibliet, l-irħula żammew mat-tradizzjoni antika li bħala statwa tal-Madonna joħorġu bil-Kunċizzjoni, anki jekk it-titular kien jirrappreżenta storja oħra mil-ħajja tal-Madonna. Din l-istatwa baqgħet tintuża sakemm saret dik preżenti ta' Anton Chircop lejn nofs is-seklu dsatax (1840). In fatti, matul dan is-seklu, il-parroċċi kollha bdew jagħmlu statwi li ikonografikament juru t-titular tal-Knisja.

Ironikament, din l-istatwa antika tal-Kunċizzjoni tieqaf tintuża ġewwa l-Qrendi meta l-Knisja Universali, mbuttata mid-dehriet ta' Marija ġewwa Lourdes, tafferma il-konċepiment bla tebgħa tal-Verġni Mbierka bħala domma ta' Fidi.

Min-naħa l-oħra, din kienet waħda mill-ewwel statwi li saru f'pajjiżna biex tiddaħħal id-devozzjoni lejn Marija taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni, devozzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fis-seklu dsatax bid-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes fi Franza.

